# KUNSILL LOKALI NADUR
# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Ħamsa u Erbgħin (55)

## L-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2023

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fl-4:00pm

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

55.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.

Ambaxxatur taż-Żgħazagħ u l-Viċi Sindku- Eucharist Camilleri kienu skuzati.

55.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.

Il-Minuti tat-Tlieta u Erbgħin (54) il-laqgħa tas-7 ta' Diċembru 2022 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Is-Segretarja għamlet nota li l-Viċi Sindku Eucharist Camilleri kien għamel request għal-dawl fir-rock garden fl-aħħar laqgħa. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 54 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarja, Proponent-Josef Camilleri u Sekondant- Joseph Vella.

55.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

Dħul- 18,303 fondi DPF part payment fuq il-proġett tal-Belvedere Old Ramla Rd, 71,400 parti fuq il-proġett tal-Pjazzetta, 12,063 nofs il-co-financing fuq il-proġett Rural Rds.

L-Allokazzjoni finanzjarja għadha ma daħlitx.

Iridu jidhlu l'quddiem 25% skema tal-Karnival DLG, taċ-Charter Cashel, Regjun tal-festa, Skema playing field tal-Ħali, skema Milied u skema Kunċert 2022.

Il-Budget ser jgħaddi mal-Quarterly li jmiss.

Il-Kollaborazzjonijiet ser jiġu diskussi fil-laqgħa ta' Frar.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Kien hemm qbil li jinħareg 10k lil Gatt fuq PPP.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħalaq l-Loan li baqa b'pagament *advance payment* peress li baqa ammont zgħir.

Is-Segretarja ser tapplika għal 3k fuq fondi ta' Aġġustament x'aktarx fuq xi proġett li sar li parti minnu jrid jitħallas mill-Kunsill.

Kien hemm qbil minn Kullhadd li s-Segretarju Ezekuttiv tieħu il-Performance Bonus Full li kien ukoll ġie mgħoddi u diskuss f'laqgħa oħra.

Kien hemm qbil li l-iskrivan jieħu b'lura post graduate allowance għal kors li ha peress li ma kienx wieħed mir-rekwisiti meta daħal fi skala 15.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

55.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.

LESTI:-

- Bankina fi Triq San Blas
- Bozza fi Triq ta' Xurdin twaħħlet.
- Bozza fi sqaq San Blas twaħħlet.
- Tkomplew il-bankijiet tat-Triq il-Madonna ta' Fatima.
- TM marru fuq is-sit jaraw minħabba t-talba tal-ħadida fi Triq Ħanaq.
- Tikħil tal-bolavostri ta' ħdejn l-monument tal-gwerra.
- L-gebel tas-sejjieħ inbena fil-Wied tal-Buskett.
- Repaint ta' xi sinjali tat-toroq.

## KUNSILL LOKALI NADUR

Pendenti:-

- Sement f'passaġġ fi Triq Għajn Qasab.
- Jitranga ċaċċis tat-Torri ta' Sopu.
- Zewġ gates tal-ħadid għal tal-Ħali.
- Yellow lines fi Triq Grunju.
- Jitranga rampa/tarġ fi Triq San Blas
- Bankina fi triq Piju Cellini
- Zbir ta' sigra fi Triq Guze Ellul Mercer
- Manutenzjoni tal-lapida fi Triq Daħlet Qorrot.
- Sement u ftit kantuni fin-nizla ta' San Blas.
- Bankina biex tinbiddel fi Triq Dun Guzepp Vella.
- Zewg ħadidiet fuq bankina ħdejn l-iskola minħabba li jitellew karozzi.
- Titranga gradilja fi Triq Wied ir-Rihan.
- Induru kliem tal-monument tal-gwerra fejn l-iskola.
- Sement biex jitranga passaġġ fi Triq Grunju.
- Nirrangaw zip tat-tinda tal-boċċi ta' San Blas.

MHUX LESTI MINN TERZI:

- Give Way fi Triq Ħanaq – Il-Kunsill applika ma' TM.
- Slow signs fi Triq ir-Ramla l' fuq minn l-Almar – Il-Kunsill applika ma' TM.
- Ħitan ta' Xhajma – Dan għadu ma sar xejn fuqhom.
- Jitranga sqaq tad- Duru – Qed nistennew minn il-Perit.
- Double yellow lines fi Triq Piju Cellini. Qed naraw ma' TM.
- Biex jitranga injam tal-bankijiet fi Triq il-Madonna ta' Fatima.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

55.5. Korrispondenza;

| | |
|---|---|
| 6369 | Cir AKL 2023/003 Personal Accident Policy |
| 6370 | E mail minghand Direttur Generali dwari L-immaniġġjar tal-iskart |
| 6371 | E mail minghand l-Ghaqda tan-Nar 29 ta' Gunju dwar attivitajiet 2023 |
| 6372 | Cir AKL 2023/002 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali |
| 6373 | Cir AKL 2023/004_ Save the Date : Consultation session on Malta's Sustainable Development Strategy for 2050 |
| 6374 | Case 1/2023 - Talba għall-Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2023 |
| 6375 | Regjun Ghawdex dwar -Ghal Ghawdex - 8 point plan |
| 6376 | Premju Gieh l-Artigjanat Malti 2022 - Sezzjoni ta' Informazzjoni |
| 6377 | Cir AKL 2023/001_ CALL FOR APPLICATION - to participate in the 2023 edition of the "Rejuvenating Politics" initiative. |
| 6378 | Direttiva nru. 1/2023 – Performance Appraisal tas-Segretarji Eżekuttivi |
| 6379 | Ċirkulari Nru 11/2022 - Emendi fir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani) Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20. |
| 6380 | Ċirkulari numru 8/2022-Kors ta' Aġġornament dwar l-EPPS |
| 6381 | Ittra ta' ringrazzjament- Ghaqda Armar Triq il-Kappillan |
| 6382 | Cir 2022/114 Studju tal-PhD dwar it-tkabbir tal-ikel |
| 6383 | Cir AKL 2022/113 _Short article on the Association for Consumer Rights |
| 6384 | SPI/SCI/11/2022 - Korsijiet Lifelong Learning 2023/2024 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

| | |
|---|---|
| 6385 | Ittra ta' ringrazzjament minghand Ghaqda Zghazagh Imnarja |

*Rimarki oħra:-*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur generali li l-immaniġġjar tal-iskart li qabel sa 2022 kienet taħt responsabbilita' tal-Kunsilli issa mit-2 ta' Jannar 2023 din bdiet tiġi ezerċita mir-Regjun ta' Għawdex abbazi tal-Artikolu 37B tal-Att dwar Gvern Lokali. L-ebda Kunsill ma jista' jieħu xi inizzjattiva relatata ma' dan il-qasam jew xi servizzi addizzjonali għax jitqies bhala nfiq ta' ksur tal-liġi.

Websites tal-Kunsilli – Il-Kunsill tan-Nadur għadu bla risposta bhala way forward.

Wine Festival 2023 – Id-dati ser ikunu 1 u 2 ta' Settembru 2023 u s-Sindku ta update rigward l-entertainment.

Reserved Parking fi Triq Zrajk/Ħanaq – Dan ġie approvat minn naħa tal-Kunsill dejjem jekk jiġi approvat minn TM.

Regjun Għawdex – 8 point plan. Dan intbgħat lil Kunsilliera u l-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta l-opinjonijiet tiegħu b'e mail.

## 55.6. Ingagg ta' Assistent Ufficjal Principali (Skala 11);

Mozzjoni mis-Sindku - L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur hija magħmula biss minn Segretarju Ezekuttiv li qed jerfa r-responsabiltajiet kollha, skrivan u skrivan minn CWS li ma hux tal-fiss magħna. Ix-xogħol amministrattiv tal-Kunsill Lokali tagħna huwa kbir, għax minbarra dak marbut mal-ħidma day-to-day, u s-servizzi kollha li noffru, irridu nlaħħqu wkoll mal-attivitajiet, proġetti, skemi, applikazzjonijiet, talbiet minn entitajiet, customer care, project management,

finanzi u skedi u kontijiet, u tant u tant aktar. Dan qed jitlob li ikollna persuna fost l-amministrazzjoni li tieħu responsabiltajiet akbar minn ta' skrivan. Fid-dawl ta' dan, qed nressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali japprova li toħrog sejha li tiftah opportunitajiet ġodda, tassigura li nagħtu cans lil min jixraqlu sabiex japplika u jieħu li jisthoqqlu, u anke sabiex fl-irwol ġdid l-persuna tkun tista tieħu responsabiltajiet ġodda u akbar u jinqasam ix-xogħol. Allura qed nitlob li, wara approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, toħrog sejha għal Assistant Ufficjal Principal fi Skala 11.

Il-Kunsillier Josef Camilleri issekonda din il-mozzjoni u kien hemm qbil mill-Kunsilliera l-oħrajn. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri bgħat e mail peress li imsiefer li hu jaqbel sakemm ikun hemm kollox kif titlob il-liġi u kif ukoll approvazzjoni minn naħa tad-DLG.

55.7. Skemi u Offerti Pubbliċi;

Offerti tal-Karnival 2023-

*Hire of mobile toilets for Nadur Carnival 2023*- Kien hemm offerta waħda ta' Joseph Refalo bl-ammont ta' 25,70euro/mobile toilet vat mhux inkluz. Il-Kunsill approva din l-offerta wara li kienet rakkomandata bhala l-orħos u konformi mill-board tal-evalwazzjoni.

*Lighting of streets during During Carnival 2023*- Kien hemm 2 offetti. Il-Kunsill approva l-offerta ta' D Illumination Ltd bl-ammont ta' 2,190 euro vat mhux inkluz wara li l-offerta ġiet rakkomandata bhala l-orħos u konformi mill-board tal-evalwazzjoni.

*Call for quotations for street Cleaning during Nadur Carnival 2023*- Il-board tal-Evalwazzjoni talab klarifikazzjonijiet rigward din l-offerta u ser jiġu approvati fl-laqgħa oħra.

*Hire of PA System for Nadur Carnival 2023* (l-organizzat)- Din l-offerta tgħalaq fl-20 ta' Jannar u ser tiġi approvata f'laqgħa oħra.

## KUNSILL LOKALI NADUR

**Skema Reġjonali –Ambjent 2021-** Il-Latrina lesta u ser jgħaddi l-kont mill-laqgħa u ngħalqu l-claim.

**Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern –**il-Kunċert tal-Milied 2022 kien ta' success u s-Segretarja ser tibda fuq il-claim.

**Skema LESA-** L-applikazzjoni ġiet approvata għal latrina ta' San Blas.

**Skema Reġjun – Parks u Ġonna u Spazji Pubbliċi**- Qed jinħadmu l-specifications għal Muxa ta' San Gwann.

**Skema Playing Fields 2022**- Ser toħroġ l-offerta tal-playing field ta' San Blas.

**Skema Finanzjament Milied**- L-attivita' kienet ta' success (Joy to the World). Ser ngħaddu l-kontijiet u wara nibdew il-claim.

**Skema Finaanzjament Proġetti Kapitali u Komunitajiet Isbaħ u aktar b'saħħithom Cirkulari no. SPI/SCI/09/2022—**Il-Kunsill ser jaħdem fuq l-offertagħal Pjazzetta.

**Skema Funtani-** Qed tinħadem id-dokument tal-offerta.

**Toroq Rurali M.4.3 -**It-tender inħarġet.

Fondi DPF- Belvedere Triq ir-Ramla l-Qadima. Il-Kunsill qed jaħdem fuq l-offerta.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

**55.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali;**

**Karnival 2023:**

Is-Sindku innota li s-sound system tal-Karnival spontanju se jinħadem b'direct order u anke s-Security peress li daħħal iz-zmien. Kien hem qbil.

Il-Kultura ser jgħatuna l-blocks għal palk fil-Karnival Spontanju.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku innota li għandu meeting mal-Ministeru għal Għawdex rigward il-Karnival.

Kien hemm ukoll meeting ieħor ma G7 flimkien li għalih attendew is-Sindku, Kunsillier Joseph Vella Segretarja u skrivan. Kien hemm qbil mill-Kunsill li l-Kunsill fuq prova ta' sena ta' partnership ma' G7. Dawn ser jieħdu biss ħsieb ikopru parti mis-sound system, jorganizzaw l-entertainment on stage u anke reklamar tal-Karnival spontanju tal-Gimgħa, s-Sibt u l-Ħadd. Dan kollu isir wara qbil mill-Kunsill Lokali u xejn minghajr approvazzjoni.

Qed jidħlu applikazzjonijiet tal-parteċipanti tal-Karnival Organizzat. Id-Dulli ser ikun il-compare tal-Karnival Organizzat.

Ser isir meeting mal-pulizija u TM fuq il-karnival kemm spontanju u kif ukoll organizzat.

Fil-Karnival organizzat ser ikollna l-*Cadets* u fil-Karnival Spontanju l-ERRC.

Kien hem qbil li l-Kunsill iħallas il-Kostum ta' Rebecca Bonello biex tiftaħ il-Karnival organizzat bl-innu tal-karnival.

Is-Sindku għamel suggeriment li isir safra fi Sqallija u Zafferana f' Mejju 2023 ma Ron. Kien hemm qbil fuq dan mill-Kunsilliera prezenti.

Intbgħat invit lis-Sindki tal-gemellaggi għal l-Mnarja 2023.

Ġew diskussi d-dati tal-Beauty Contest u Song Festival. Is-Sindku innota li f'dawk id-dati il-Kultura ma jistawx jgħatuna l-palk minħabba attivita' oħra tal-MGOZ.

Kien hemm qbil li jerġgħa jiġi Jusana Hopas biex izarma l-pasturi tiegħu u jitħallas t-ticket tal-ajru u akkomodazzjoni.

### 55.9. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

**55.9.1. Triq ir-Ramla l-Qadima**- Bħalissa wieqaf kollox minn naħa tal-Kuntrattur.

**55.9.2. Dawl ta' Triq it-Tramuntana soft area**- Il-Kunsill ser isib Kuntrattur ieħor. Jgħaddi id-dawl.

**55.9.3. Railings ta' Xhajma**- Il-Kunsill għadu bla risposta minn naħa ta' MGOZ. Dawn qedin fi stat perikoluz ħafna.

**55.9.4. Zebgħa bullards fi Triq Arc Saver Cassar u Pjanti**- Dawn għadhom ma sarux.

**55.9.5. Dawl Monument tal-Gwerra**- Dan isir wara li tinfetaħ il-librerija.

**55.9.6. Gazebo fil-Belvedere DC Cocco Palmeri**- Il-Kunsill ser jara jixtrix waħda.

**55.9.7. Bankijiet ġodda fil-Pjazza-** Hemm il-ħsieb li jiġu applikati fuq fondi DPF.

**55.9.8. CCTV** fil-ġonna tal-Ħali, Gnien il-Kunsill u ta' Kenuna. Dawn jiġu applikati l quddiem fuq fondi DPF.

**55.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**55.10.1.Rikjesti mis-Sindku:**

- Talba biex il-parking tal- lottu fi Triq Diċembru 13 jinzel l'isfel.
- Talba biex bozza tiċċaqlaq fi Triq il-Kappillan.
- Is-Sindku innota li ser tintbgħat ittra lil Ministru tas-Saħħa peress li hemm ħafna ilmenti minħaba l-Berga.
- Talba għal yellow lines magenb garage fi Triq Mithna Qadima.
- Talba għal yellow lines faċċata garage fi Triq Xjuf ir Rih – Il-Kunsill ser jara ma TM.
- Bozza perikuluza fi Triq ta' Xhajma li trid isir.
- Talba biex titranga rampa fi Triq il-Qortin.
- Talba għal bankina ġdida fi Triq qortin
- Talba għal sement taht bankina fi Triq il-Qortin.

### 55.10.2 Rikjesti mingħand Joseph Vella:

Ma kienx hemm talbiet.

### 55.10.3. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:

Ma kienx hemm talbiet.

### 55.10.4. Rikjesti mingħand Josef Camilleri:

Ma kienx hemm talbiet.

### 55.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-6:30pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fis-7 ta' Jannar 2023 fl-4pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva